# L-GĦOLJA

*Son della terra faticosa i figli*
*Che armati salgon le ideali cime.*
*Carducci CA IRA.*

Telgħin,
Bla serħ, bla nifs, bla saħħa,
Fuq wiċċhom l-għejja ta' min qed ibati,
Ta' min għax ħabb u għaliex ġarrab bosta
Fid-dinja biss hu ħati.
Qalila, mwiegħra l-għolja
Miżgħuda ħofor, minsuġin bl-għollieq,
Mimlija siġar kbar, koroh u suwed
Li jarmu waħx u dieq.
Jidrob il-blat fejn jirfsu waqt il-mixi,
Jimla riġlejhom bit-tbenġil u d-dmija,
Jidħol f'ġisimhom, iqattagħhom,
F'agonija t'uġigħ u ta' tbatija.
Jinżel fuq xbinhom l-għaraq għal fuq wiċċhom,
Uċuh magħluba sħiħ u safranin
Bis-sfura kiebja u tagħfaslek qalbek
Li tidher fil-mejtin.
Qalila, mwiegħra l-għolja
'Ma huma miexja lkoll it-telgħa tagħha,
Bla serħ, bla nifs, bla saħħa.
Telgħin.
Joħorġu l-lpup u dbieb minn qalb is-siġar,
Joqtluhom, ibiċċruhom
U fuq il-blat tal-għolja jitilquhom;
Oħrajn uħux tal-biża' dlonk jaqbduhom
U lilhom jagħ'lqu ġo għerien mudlama
Fejn tmut għal dejjem tal-Ħelsien kull tama.
X'jimporta!
Oħrajn ikomplu t-triq li qabdu huma
U meta t-tmiem ukoll fl-aħħar jaslilhom
B'idhom 'il fuq, mixħuta fl-art, mifnija:
Lil sħabhom juru t-triq li għad fadlilhom.
U tielgħa, tielgħa, tielgħa,
Bir-rieda mħeġġa ta' rikkieb f'tiġrija
Li jara l-bhima tiegħu għadha lura
U ta' l-oħrajn bikrija.
Hemm bħal qawwa moħbija ġewwa demmhom
Li tmexxihom, tlebbithom, terfagħhom
Sabiex jaslu sa fl-aħħar u jirbħu
L-imdawla quċċata
Tal-Idijali tagħhom.

ĠORĠ PISANI